# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 7**

**Rikors numru 64/15 LSO**

**Alexander Barbara**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2015 ġew kjamati in kawża Grezzju Farrugia, Francis Farrugia, Michelina Barbara u Mario Farrugia u b'digriet tad-19 ta' Lulju 2019 stante l-mewt ta' Francis Farrugia saret trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Maria Farrugia; u b'digriet tal-14 ta' Jannar, 2016 ġie kjamat fil-kawża d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali**

**Il-Qorti:**

1. Permezz ta' rikors preżentat fl-4 ta' Awwissu 2015 l-attur talab:-

> "*(i) fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeciedi illi matul il-process tal-kawza li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et** gie lez il-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet kollha spjegati f'dan ir-rikors;*

"*(ii) fit-tieni lok, tiddikjara u tiddeciedi illi inoltre, bis-sentenza nnifisha moghtija fil-kawza li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet* ***Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et*** *gie lez il-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet kollha spjegati f'dan ir-rikors;*

"*(iii) fit-tielet lok, tiddikjara u tiddeciedi illi f'kull kaz, il-jeddijiet fundamentali ta' l-esponenti, hawn fuq imsemmija, ser ikomplu jew x'aktarx ser ikomplu jigu miksura jekk kemm-il darba ma tigix imhassra s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' Frar 2015 fil-kawza li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet* ***Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et;***

"*(iv) konsegwentament taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hekk kif garantiti taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u taht il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana, fost affarijiet ohra, billi thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' Frar, 2015 fil-kawza li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet* ***Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et;***

"*(v) tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni sofferti mill-esponenti minhabba tali vjolazzjonijiet*;".

2. B'sentenza tad-29 ta' Novembru, 2018 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet:

"*Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi, billi filwaqt li tastjeni milli tieħu aktar konjizzjoin tal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u tal-kjamati in kawża Farrugia, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, filwaqt li tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha fit-termini tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk tilqa' din l-eċċezzjoni issollevata mill-intimat u mill-kjamati i kawża billi jirriżulta li r-rimedji ordinarji disponibbli għar-rikorrent għadhom ma ġewx eżawriti*".

3. Permezz ta' appell preżentat fil-11 ta' Diċembru, 2018 l-attur appella mis-sentenza bl-aggravji jkunu:

"*(i) l-ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza appellata, filwaqt illi indirizzat ilment wieħed biss imressaq mill-esponenti u senjatament dak relattiv għal allegazzjoni ta' atti ġudizzjarji mal-atti tal-kawża bin-numru 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et vs Alexander Barbara et, hija injorat għal kollox l-ilment imressaq mill-esponenti f'paragrafu 2.11 tar-rikors promotur tiegħu fis-sens illi fil-kawża hawn imsemmija l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma ddeċidietx il-kawża entro żmien raġonevoli;*

"*(ii) l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata, żbaljat meta għażlet li tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha*".

4. L-attur talab lil din il-Qorti sabiex:

"6.1 Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha premessi, l-esponenti filwaqt illi jagħmel referenza għall-provi kollha miġjuba quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u filwaqt li jirriżerva illi jġib dawk il-provi li jkunu meħtieġa u permessi mil-liġi, jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali jogħġobha tilqa' dan l-appell u tbiddel, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Novembru 2018 fl-imsijiet premessi billi:

(1) "Tikkonfermaha in kwantu astjeniet milli tieħu aktar konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u tal-kjamati in kawża Farrugia; u
(2) "Tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali;
(3) "Tħassarha, tirrevokaha u tannulla in kwantu iddeklinat milli teżerċita tagħha fit-termini tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u laqgħet l-eċċezzjonijiet relattivi issollevati mill-intimat u mill-kjamati in kawża u minflok tiddeċiedi billi tiċħad l-imsemmij eċċezzjonijiet u konsegwentement tibgħat l-atti ta' dina l-kawża lura quddiem l-ewwel Onorabbli "Qorti ħalli tiddeċiedi l-mertu tal-kawża odjerna".

5. L-Avukat Ġeneral, illum Avukat tal-Istat, wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**Fatti**

6. L-attur jilmenta minn ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq (artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem) fil-kawża **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et** (Citaz. Numru 634/2005) deċiża fis-26 ta' Frar, 2015. L-attur appella minn dik is-sentenza u l-appell għadu m'huwiex appuntat. Kawża li fiha l-atturi talbu għal dikjarazzjoni li huma sidien ta' ishma indiviżi minn ġiardina li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-fond numru 70, Triq Santa Marija, Gudja.

7. F'dik il-kawża b'digriet mogħti fis-7 ta' Novembru, 2005 il-Qorti ordnat li jkunu allegati l-atti tal-kawża **Giovanni Barbara et v. Carmelo Farrugia et** (Cit. Numru 247/1979) deċiża fil-31 ta' Jannar, 1997 u l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 97/1979.

8. B'nota preżentata fl-4 ta Ġunju 2008 mid-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, iddikjara li ma nstabux l-atti li kellhom ikunu allegati. Dakinhar kien hemm seduta fil-Qorti li ghaliha attendew id-difensuri tal-partijiet u fil-verbal jingħad li l-Qorti rat in-nota imsemmija. B'hekk l-attur kien jaf li l-proċessi tal-kawża 247/79 u mandat ta' inibizzjoni ma instabux, u mill-atti ma jirriżultax li għamel xi ħaġa jew li fis-seduti ta' wara agħmel dikjarazzjoni fir-rigward tal-atti li kellhom jiġu allegati. Għalhekk għal xejn l-attur jilmenta li ma ġiex notifikat bl-imsemmija nota. Imbagħad fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2013 l-atturi iddikjaraw li ma kellhomx iktar provi xi

jressqu. Ir-riferenza li reġgħet saret għall-kawża 247/1979 kien fis-seduta tad-9 ta' Frar 2012 meta d-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti "*..... illi għad baqgħalhom jirriċerekaw sentenza tal-31 ta' Jannar, 1997 taċ-ċitazzjoni Nru 247/79FGC u jitolbu żmien biex jeffetwaw ir-riċerki neċessarji*". Kien fit-8 ta' Mejju, 2012 li l-attur ippreżenta kopja ta' dik is-sentenza.

9. Fis-26 ta' Frar 2015 ingħatat is-sentenza fil-kawża 634/2005SM. Fis-sentenza saret riferenza għad-digriet tas-7 ta' Novembru, 2005 u hemm dikjarat li l-Qorti "*eżaminat id-dokumenti kollha esebiti*". Madankollu fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti m'hemmx riferenza għall-provi li nġabru f'dawk il-proċeduri l-oħra. F'dik is-sentenza il-Qorti rriferiet għall-provi li kien hemm fl-atti tal-kawża u ikkonkludiet:

> "*11.11 Illi għalhekk għandu jkun paċifiku li l-konvenuti unilateralment u mingħajr il-konfort ta' xi dritt fir-rigward, invadew il-proprjeta tal-atturi u saħansitra bdew jibnu fl-istess proprjeta b'disprezz assolut għad-drittijiet tal-atturi*".

***<u>L-ewwel aggravju</u>.***

10. L-attur ilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra u tiddeċiedi dwar l-ilment tiegħu dwar id-dewmien mhux raġonevoli fil-kawża **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et** (634/2005SM), li llum għadha pendenti fil-Qorti tal-Appell. Kawża preżentata fl-1 ta' Lulju, 2005 u li l-Prim'Awla ddeċidiet fis-26 ta' Frar, 2015.

11. L-Avukat tal-Istat argumenta li dak ma kienx l-ilment prinċipali tal-attur u f'kull każ l-attur kien il-kaġun tad-dewmien.

12. Fir-rikors promotur tal-attur, wieħed mill-ilmenti jaqra:-

> "*2.11 Element ieħor li minnu jilmenta l-esponenti huwa li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma ddecidietx il-kawża entru żmien raġonevoli kif meħtieġ sabiex jingħata effett lil jedd fundamentali ta' smigħ xieraq tal-esponenti. F'dan ir-rigward jingħad illi l-kawża ħadet għaxar (10) snin sabiex ġiet deċiża b'ħafna minn dak iż-żmien okkupat minn differimenti mingħajr raġuni valida u mill-provi tal-atturi f'din il-kawża illi ddikjaraw li ma għandhomx aktar provi waqt is-seduta ta' nhar it-30 ta' Mejju, 2013 jiġifieri tmien (8) snin wara li pprezentaw il-kawża. Dan kollu biex jissemmiex id-dewmien li ser ikun hemm sabiex jiġi determinat l-appell ippreżentat mill-esponenti*".

13. Fis-sentenza ma saret l-ebda konsiderazzjoni dwar dak l-ilment, li evidentement sfuġġa lill-ewwel Qorti. Ilment li m'huwiex ta' kompetenza tal-Qorti tal-Appell li għad trid tiddeċiedi l-appell 634/2005. Għaldaqstant, fir-rigward tal-ilment tal-attur li ma ngħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, l-ewwel Qorti kellha d-dmir tistħarreġ l-ilment tal-attur.

14. Għaldaqstant, ser jintlaqa' l-ewwel aggravju. Għalkemm f'paragrafu 4.8 tar-rikors tal-appell l-attur ta d-dettalji ta' x'ġara waqt is-seduti li saru fil-kawża 634/2005, dak it-tagħrif m'huwiex rilevanti għal finijiet tal-appell li qiegħed jiġi deċiż b'din is-sentenza. M'hemmx deċiżjoni fil-meritu tal-ewwel Qorti dwar seħħx ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-kawża 634/2005 minħabba allegat dewmien mhux raġonevoli. Dik hi

materja li l-ewwel trid tiddeċiedi l-ewwel Qorti. Għalhekk l-atti ser jintbagħatu lura lill-ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi dwaru dak il-meritu.

***<u>It-tieni aggravju.</u>***

15. L-attur argumenta li l-ewwel Qorti żbaljat meta għażlet li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha.

16. Fis-sentenza l-ewwel Qorti qalet:

> "*Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa d-dokumentazzjoni kollha rilevanti ghall-kaz inkluz l-atti tal-kawza* ***634/05/SM****, u tar-rikors tal-Appell tar-rikorrent odjern ipprezentat fis-17 ta' Marzu 2015. Setghet taghraf li r-rikors odjern f'partijiet estensivi tieghu jikkonsisti f'ezercizzju ta' copy and paste mir-rikors tal-appell. Dan seta' sar ghar-ragunijiet ta' pratticita`, izda jirrizulta palezament li, fis-sustanza taghhom, ir-ragunijiet li r-rikorrent gab 'il quddiem f'dawn il-proceduri huma l-istess ragunijiet li ressaq bhala aggravji fir-rikors tal-appell tieghu.*
>
> "***L-aggravji sollevati mill-appellanti fir-rikors tal-appell huma:***
>
> "*1. In-nullita` tas-sentenza appellata stante li provi sostanzjali u principali li kellhom jigu allegati mal-process tal-kawza ma gewx allegati. Inoltre l-ewwel Qorti ma kellhiex ghad-disposizzjoni taghha s-sottomissjonijiet u l-provi kollha tal-partijiet meta giet biex tiddeciedi l-kawza. L-appellanti issottomettew li anke jekk l-artikolu* ***790 tal-Kap 12*** *ma japplikax, is-sentenza ma tistax titqies li hija wahda gusta billi tmur dijamitrikament kontra dak li kien gie deciz f'sentenza ohra precedenti bejn il-predecessuri fit-titlu tar-rikorrenti u ggib fix-xejn ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Rene Buttigieg minghajr imqar ma taghmel referenza ghall-istess. Dan igib ukoll lezjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq billi l-ewwel Qorti ghaddiet biex tiddeciedi l-kawza minghajr ma kellha dawk il-provi quddiema;*
>
> "*2. Is-sentenza appellata hija dijametrikament opposta u tmur kontra dak li Qorti kienet irriteniet fil-proceduri gudizzjarji precedenti dwar il-gardina;*
>
> "*3. Konsegwentement sar zball mill-ewwel Qorti fis-sentenza dwar l-apprezzament tal-kaz.*

"*4. Fil-mertu li l-intimat appellant (ir-rikorrent odjern) ma invadiex il-proprjeta' tal-attur f'dik il-kawza.*

"*5. Li x-xoghlijiet li ghamlu l-intimati appellanti saru fil-proprjeta' taghhom.*

"*6. Aggravju dwar il-hlas tal-ispejjez gudizzjarji.*

"*Illi fir-rikors odjern, r-rikorrent Alexander Barbara qed jilmenta li gie lez id-dritt tieghu ghas-smigh xieraq fil-proceduri inkorsi u decizi bis-sentenza appellata. L-ilment konvenzjonali tar-rikorrent huwa kemm fil-konfront tal-process kollu quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll fil-konfront tas-sentenza moghtija mill-istess Qorti.*

"*Basikament jghid li kien hemm mankanzi serji li wasslu ghal-lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu u ghan-nuqqas ta' osservazzjoni tal-principju ta' equality of arms billi ma gewx allegati provi importanti, cioe`, l-process kollu tal-kawza u tal-Mandat ta' Inibizzjoni decizi precedentement ,inkluz il-pjanti u rapporti tal-Perit Rene Buttigieg. Din il-mankanza, skont ir-rikorrent, kemm presentement kif ukoll permezz tal-appell tieghu, ghandha twassal ghan-nullita` tas-sentenza innifisha li ma kkonsidrathomx minkejja li kien hemm ordni ghall-allegazzjoni taghhom. Anzi dik il-Qorti strahet fuq rapport ta' perit tekniku ex parte, minkejja li kienet cahdet talba ghall-hatra ta' perit espert abbazi tal-ezistenza tar-rapporti peritali tal-Perit Rene Buttigieg. B'hekk is-sentenza kienet diametrikament opposta ghal dak gja deciz b'sentenza u b'digriet antecedenti.*

"*Illi r-rikorrent jikkonsidra li r-Registratur Qrati Civili u Tribunali huwa responsabbli ghan-nuqqasijiet amministrattivi imsemmija fir-rikors tieghu. Dwar dan huwa minnu li r-Registratur mhuwiex parti mill-proceduri fl-Appell izda lanqas kien iccitat f'dan il-gudizzju mir-rikorrent u gie imsejjah ghall-fini tal-integrita` ta' dawn il-proceduri. Madanakollu l-fatt dwar l-allegazzjoni tal-atti, jew in-nuqqas tal-istess, huma fatti li jirrizulta mill-premessi bhala ragunijiet ghall-appell u kwindi bilfors ghandhom jigu kkonsidrati ghall-fini tal-istess appell mill-Qorti tat-tieni istanza.*

"*Ikkonsidrat li s-sentenza lanjata ghadha ma ghaddietx in gudikat u tista' tigi rovexxjata mill-Qorti tal-Appell li hija adita b'talbiet ibbazati fuq l-istess ragunamenti u premessi imressqa quddiem din il-Qorti. Ma hemm xejn li jinduci lil din il-Qorti biex tikkonkludi li l-Qorti tal-Appell m'ghandhiex il-kompetenza biex tiddetermina jekk il-process kien vizzjat minhabba mankanzi serji procedurali fis-smigh tal-kawza, u/jew li s-sentenza kienet vizzjata minhabba nuqqas ta' konsiderazzjoni ta' provi li kellhom jingiebu quddiem l-ewwel Qorti, jew li ngiebu izda ma gewx ikkonsidrati, jew minhabba xi nuqqas tal-ewwel Qorti li taghti "a reasoned judgment".*

"*Illi r-rikorrent issottometta li l-aggravju tieghu hu bbazat fuq in-nuqqas li l-atti processwali jigu allegati kif kien gie ordnat, "jista' ikun il-kaz li dawn l-atti instabu u gew allegati izda ma kienux qeghdin jimxu mal-process tal-kawza 634/2005, u ghalhekk meta l-On. Prim' Awla tal-Qorti Civili ghaddiet ghas-sentenza taghha, l-atti li suppost kellhom jigu allegati ma kienux quddiemha ...".*

"*Illi r-rikorrent mhuwiex qed ikun ghal kollox preciz billi l-appell tieghu huwa msejjes fuq diversi aggravji kif ikkonstatat ante, u mhux limitatament ghal dak hawn premess.*

"*Illi ghal dak li jirrigwarda l-aggravju dwar in-nuqqas ta' allegazzjoni tal-atti, tali aggravju jehtieg indagni ta' fatt li jispetta fl-ewwel lok, lill-Qorti tal-Appell li hija adita b'kompetenza ordinarja li tiddetermina jekk dak li qed jallega l-appellant huwa minnu.*

"*Meta wiehed iqis l-aggravji kollha ssollevati, din il-Qorti hija tal-gudizzju li ma hemm xejn li jipprekludi lill-Qorti tat-tieni grad milli thassar is-sentenza appellata jekk jirrizulta dak li qed jallega ir-rikorrent in toto jew in parte. Kwindi r-rikorrent ghad ghandu rimedju ordinarju effettiv ghall-ilmenti tieghu li ghadhom ma gewx esawriti.*

"***Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi billi tiddeklina milli tezercita` s-setghat taghha fit-termini tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat u tal-kjamati fil-kawza tan-nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji***".

17. Il-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) jipprovdi:-

"*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ **<u>meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra</u>***".

18. L-attur argumenta li wħud mill-ilmenti li ressaq fir-rikors promotur huma indirizzati fil-konfront tal-aġir tal-amministrazzjoni tal-Qorti fejn ilmenta:-

"*2.3 Jibda billi jingħad illi huwa nuqqas serju illi kważi tliet (3) snin wara li ġiet ordnata l-allegazzjoni tal-atti proċesswali hawn fuq imsemmija, ma kienu ittieħdu l-ebda passi mill-amministrazzjoni sabiex dawn jiġu effettivament allegati;*

"*2.4 Huwa nuqqas serju ieħor illi wara t-trapass tal-istess żmien, id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunal jgħid illi l-istess atti proċesswali taħt il-kustodja tiegħu ma nstabux mingħajr imqar ma jinnotifika lill-partijiet u jew lid-difensuri tagħhom.*

"*2.5 Nuqqas serju ieħor huwa li jekk tali atti proċesswali fil-fatt instabu xi ħin matul l-andament tal-kawża, għalkemm ma jidhirx li dan huwa tassew il-każ, ma saritx nota naħa tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunal fejn jikkoreġi l-informazzjoni mogħtija permezz tan-nota tiegħu fejn informa lill-Qorti li l-atti ma nstabux*".

19. L-attur żied:-

"*5.8 ....... L-esponenti ma jaqbilx illi d-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunal ġie msejjaħ għal finijiet ta' integrita` tal-ġudizzju biss iżda għaliex uħud mill-ilmenti u b'mod partikolari dawk imsemmija fil-paragrafi preċedenti kienu diretti lejh u kien huwa l-leġittimu kontradittur għalihom. Tannt kien huwa l-leġittimu kuntradittur għalihom illi l-ewwel Onorabbli Qorti saħansitra ċaħdet dik il-parti tar-risposta tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunal fejn huwa eċċepixxa li mhuwiex il-leġittimu kontradittur.*

"*5.9. Għan-nuqqasijiet ravviżati fil-konfront tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali ma hemm l-ebda rimedju ordinarju u għalhekk għal dawk in-nuqqasijiet li l-esponenti imputa lill-amministrazzjoni tal-Qorti u konsegwentement li huma indirizzati lid-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunal, l-ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta għażlet illi tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha. Jekk l-aġir jew l-ommissjoni tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunal ta lok għal ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-esponenti u r-rimedju applikabbli ċertament mhumiex ser jiġu determinati fl-ebda sede ċivili jew b'xi rimedju ordinarju u wisq u wisq anqas fl-atti tal-appell pendenti bejn l-esponenti u l-kjamati in kawża appellati Farrugia*".

20. Inoltre, qal li l-aggravju fir-rikors tal-appell tal-kawża 634/2005, hu differenti mill-ilment li ressaq f'din il-kawża. Spjega li l-aggravju kien ibbażah fuq dak li kien irriżulta fil-mument li ippreżenta l-appell, ċioe illi l-atti taż-żewġ proċeduri fuq imsemmija ma kinux ġew allegati mal-atti tal-

kawża 634/2005. Imbagħad fil-kawża tal-lum qed jilmenta fir-rigward ta' fatti li rriżultawlu wara li kien ippreżenta l-appell, ċioe li wkoll jekk l-atti kienu nstabu "*5.12...... jidher illi kien hemm nuqqasijiet proċedurali li jxellfu l-garanziji ta' smigħ xieraq garantiti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni*". L-attur isostni li minn qari tas-sentenza li ingħatat fil-kawża 634/2005 hu evidenti li l-Qorti ma qisitx il-provi kollha, inluż ir-relazzjoni tal-perit tekniku li kienu fil-proċessi li b'ordni tal-Qorti kellhom ikunu allegati mal-atti tal-kawża 634/2005.

21. L-aggravju fir-rikors tal-appell tal-kawża Grezzju **Farrugia et v. Alexander Barbara** (Appell numru 634/2005) jaqraw:

> "*-In-nullita tas-sentenza appellata għaliex provi sostanzjali u prinċipali li kellhom jiġu allegati mal-proċess tal-kawża odjerna b'ordni tal-ewwel Onorabbli Qorti stess u senjatament l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 97/1979 u tal-kawża biċ-ċitazzjoni bin-numru 247/1979/FGC fl-ismijiet Giovanni Barbara et v. Carmelo Farrugia et deċiża nhar il-31 ta' Jannar, 1997 ma ġewx allegati u l-ewwel Onorabbli Qorti għalhekk ma kinitx f'posizzjoni li tqis prova daqstant importanti;*
>
> "*-Is-sentenza mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti u hawn appellata hija dijametrikament opposta u tmur kontra dak li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet irriteniet fil-proċeduri ġudizzjarji preċedenti li kien hemm bejn il-kontendenti jew il-predeċessuri tagħhom fit-titolu dwar l-istess mertu u dwar l-istess proprjeta ossija ġardina;*
>
> "*-Fil-mertu l-ewwel Onorabbli Qorti żbaljat fis-sentenza mogħtija minnha għaliex dak li effettivament kellha tara u tiddeċiedi kien jekk ix-xogħlijiet intrapriżi kinux qegħdin isiru fuq il-linja ta' delimitazzjoni stabbilita mill-perit tekniku Rene Buttigieg o meno għaliex bil-mod li iddeċidiet fis-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti effettivament ġabet fix-xejn is-sejbien kollu li kien mertu tal-proċeduri ġudizzjarji ta' qabel li kienu għaddew in ġudikat;*
>
> "*-fil-mertu jeżistu provi biżżejjed illi l-espnoenti ma invadewx il-proprjeta tal-atturi appellati u li għamlu xogħlijiet fil-proprjeta tagħhom u li għamlu*

*xogħlijiet fil-proprjeta tagħhom u li f'kull każ, l-attur ma ressqux prova soddisfaċenti meħtieġa f'kawżi ta' dan it-tip ossija actio reivindicatoria;*

"*-fil-meritu kellu jirriżulta li x-xogħlijiet li għamlu l-esponenti saru fi proprjeta tagħhom;*

"*-L-esponenti ma setgħu qatt jiġu ikkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1389/2003/NC għaliex l-esponenti Alexander Barbara kien rebaħ l-istess bl-ispejjeż liema spejjeż ġew imħallsa lilhom mill-atturi appellati jew min minnhom*".

22. L-ilment tal-attur fil-konfront tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali ma jistax jiġi mistħarreġ b'mod iżolat mill-ilment tar-rikorrent dwar il-kawża u l-allegati nuqqasijiet tal-Qorti li ddeċidiet il-kawża. L-ilment tal-attur hu li ma ngħatax smigħ xieraq fil-kawża 634/2005 fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et**, u jrid jiġi mistħarreġ dak kollu li ġara waqt il-kawża.

23. Il-Qorti żżid li fl-appell mis-sentenza tal-kawża 634/2005, li għad irid jinstema', l-ewwel aggravju tal-attur hu dwar in-nullita tas-sentenza tas-26 ta' Frar, 2015.

24. L-Artikolu 790 tal-Kap. 12 jipprovdi:

"*Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija extra petita jew ultra petita jew fuq kull difett ieħor li* ***jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq***".

25. L-attur isostni li s-sentenza hi nulla għaliex il-proċess tal-kawża 247/1979 u l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 97/1979 ma kinux allegati mal-proċess. Inoltre, li f'kull każ is-sentenza m'hijiex ġusta għaliex tmur kontra dak li kien deċiż fis-sentenza 247/1979 u ġġib fix-xejn rapport tal-perit Rene Buttigieg li lanqas biss saret riferenza għalih. Fil-fatt f'paragrafu 4.4 tar-rikors tal-appell tal-kawża 634/2005 argumenta:

> "*L-ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett kollu lejha, ma setgħet qatt daqshekk leġġerment iċaħħad lill-esponenti minn dak li kienu ġja' kisbu l-predeċessuri fit-titolu tagħhom b'sentenza mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti stess. Kienet ukoll saret pjanta mill-perit tekniku Rene Buttigieg li turi l-estensjoni tal-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti u l-linja li timmarka d-delimitazzjoni tal-konfini. Kieku l-atturi appellati jew il-predeċessuri fit-titolu tagħhom ma kinux jaqblu ma tali sejbiex u kostatazzjonijiet, messhom jew talbu n-nomina ta' periti addizzjonali jew appellaw iżda ladarba issokkombew fil-ġudizzju, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tmur kontra dak li għandu s-saħħa tal-ġudikat mingħajr ma tqisu*".

26. Għalhekk qiegħed jilmenta wkoll mill-fatt li fil-konsiderazzjonijiet tas-sentenza 634/2005 tas-26 ta' Frar, 2015 il-Qorti ma kkunsidratx provi li tressqu fil-kawża l-oħra li l-atti tagħha suppost kienu allegati, u li kienet taf li jeżistu tant li fis-sentenza semmiet id-digriet. B'hekk żgur li l-attur għandu rimedju taħt il-liġi ordinarja, cioe` appell mis-sentenza. Għaldaqstant, m'huwiex korrett li jargumenta:

> "*5.12 ..... Fil-proċeduri odjerni, l-esponenti qiegħed jilmenta minn ċirkostanzi illi irriżultaw wara l-preżentata tar-rikors ta' l-appell u mnejn jidher li anke jekk l-atti kienu tassew instabu, kif jallega d-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunal, xorta waħda jidher illi kien hemm nuqqasijiet proċedura li jxellfu l-garanziji ta' smigħ xieraq garantiti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni*".

27. Il-Qorti żżid li l-Qorti tal-Appell ser tistħarreġ ir-raġunament tal-ewwel qorti li ddeċidiet il-meritu, ġialadarba hu evidenti li l-attur appella wkoll dwar il-meritu. Għalhekk ser ikollha tikkonsidra l-provi kollha, dawk fl-atti tal-kawża u wkoll fl-atti tal-proċessi tal-proċeduri l-oħra li jissemmew fil-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2005. Din il-Qorti taqbel perfettament mar-raġunament tal-ewwel Qorti:

> "*Ma hemm xejn li jinduci lil din il-Qorti biex tikkonkludi li l-Qorti tal-Appell m'ghandhiex il-kompetenza biex tiddetermina jekk il-process kien vizzjat minhabba mankanzi serji procedurali fis-smigh tal-kawza, u/jew li s-sentenza kienet vizzjata minhabba nuqqas ta' konsiderazzjoni ta' provi li kellhom jingiebu quddiem l-ewwel Qorti, jew li ngiebu izda ma gewx ikkonsidrati, jew minhabba xi nuqqas tal-ewwel Qorti li taghti "a reasoned judgment*".

28. Għalhekk f'dan l-istadju żgur li l-attur ma jistax jilmenta li ġie leż il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. S'issa l-attur għad għandu rimedju permezz tal-liġi ordinarja.

29. L-appellat semma wkoll il-kunċett tal-*equality of arms* (paragrafi 5.4(iv) u 5.13 tar-rikors tal-appell), u argumenta li filwaqt li Farrugia kellhom l-opportunita` jressqu perit tekniku '*ex parte*', il-fatt li l-opinjoni tal-perit tekniku inkarigat mill-Qorti fil-kawża li l-atti tagħha kellhom jiġu allegati iwassaql għal ksur tal-jedd tal-*equality of arms*. Pero` wieħed mill-aggravji tal-attur fil-kawża 634/2005 hu proprju li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx il-provi li kienu tressqu fil-kawża 247/79 u l-mandat ta' inibizzjoni 97/79. Għalhekk dik il-materja ser tiġi kkonsidrata u l-Qorti tal-

Appell ikollha tiddeċiedi dwarha. Dan ukoll jekk il-Qorti tal-Appell tiddeċiedi l-meritu tal-każ.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell billi sa fejn kompatibbli ma' dak li ingħad hawn fuq:

1. Tilqa' l-aggravju tal-attur li l-ewwel Qorti ma kellhiex terżerċita l-jedd li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha (proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319) limitatament fir-rigward tal-ilment li seħħ ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba li l-attur qiegħed jallega li ma ingħatax smigħ fi żmien raġonevoli.

2. Tiċħad il-kumplament tal-aggravji tal-attur.

3. Tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tad-29 ta' Novembru, 2018 fis-sens li fir-rigward tal-ilment tal-attur li ma ingħatax smigħ fi żmien raġonevoli fil-kawża 634/2005, tiċħad l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali, il-konvenuti Farrugia, Barbara u d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali li l-attur naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji qabel ippreżenta din il-kawża. Għaldaqstant, tordna l-prosegwiment tal-kawża limitatament fir-rigward ta' dak l-ilment biss.

4. Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza, b'dan li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jinqasmu in kwantu għal 60% a karigu tal-attur u 40% a karigu tal-konvenut u l-imsejħin fil-kawża. Bl-istess mod għandhom jinqasmu l-ispejjeż tal-appell.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi dwar l-ilment tal-attur li fil-kawża ma ingħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb